# IX-XIĦ U L-MEWT

Raġel xwejjaħ bil-ħatab imgħobbi
Qajla tiela' mat-triq darba kien,
Taħt it-toqol tal-ħemel imgħawweġ,
Ġismu mkisser, imħeddel, għajjien.

Iżomm, jarġa' jimxi, jixxengel,
Jieħu nifs, jieqaf, jilheġ, bla ruħ,
Sa ma lemaħ gozz ħaġar fit-trejqa
Fuqu ntelaq bla saħħa, mitruħ.

"Mewt, ja mewt, int biss tista' sserraħni."
Qal imdejjaq... Il-mewt minnufih
Feġġet ħdejh kollha ħniena, biex tiġbru
Magħha u sserħu, l-imsejken ta' xiħ.

Malli ra' dal-gozz għadam imselsel
F'idha l-minġel, għajnejha mħaffrin,
Bdielu x-xiħ, beda jlaqlaq bil-biża'
Irkubtejh u dirgħajh imregħdin.

"Jiena naf l'int ħanina," qalilha,
"Dak li tista' għamel miegħi l-aħjar,
Fuq kitfejja dal-ħatab għabbili,
Ħalli narġa' għal triqti w għad-dar."

Laħket Ċensa, jekk Ċensa taf tidħak,
U għenitu, mbagħad qaltlu :... "Ħelwin
Dawn in-nies, waqt il-mewtu jinsew kollox,
Kemm batew u kemm kienu mdejqin !...

Int, mur għix il-jumejn li fadallek
Ridt ħelsien minn kull jasar nagħtik,
Bati, mela, sa mita darb'oħra
Niġi waħdi, bla sejħa, għalik."

(Minn *Leħen il-Malti*, 1931)